MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-7 ta' Awwissu, 2013

Rikors Numru. 1159/2010

**Rikors Nru 1159/2010**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 1510/2010 fl-ismijiet :**

**Fremy Investments Limited (C5858) u Vanguard Billiard Tables Ltd (C2597)**

**Vs**

**C Services Limited (C44115), Clifton Borg (KI 59875/M) Alfred u Carmen nee` Gauci mwieled San Giljan, Christian James Gatt (KI 568774M) iben Salvatore u Veneranda nee` Ebejer imwieled Attard u Claudette sive Claudine Gatt (KI 434675M) mart Christian James Gatt, bint Joseph Borg u Philippa nee` Tanti mwieled San Giljan**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors tal-10 ta` Novembru 2010 li pprezentaw C Services Limited, Clifton Borg, Alfred Gauci u martu Carmen Gauci, u Christian James Gatt u martu Claudette sive Claudine Gatt ["l-esekutati"] fejn talbu lil din il-Qorti sabiex –

*Tirrevoka, thassar u tikkancella l-mandat ta` sekwestru numru 1510/10 fl-ismijiet premessi u dan ai termini tal-artiklu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna l-hrug tal-kontromandat opportun u taghti kull provvediment li jidrilha xierqa lis-sekwestratarji ndikati fil-mandat ta` sekwestru u dan skond dawk il-provvedimenti li l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat id-dokument li kien prezentat flimkien mar-rikors.

Rat id-digriet taghha tat-18 ta` Novembru 2010.

Rat in-nota b`dokument li pprezentaw l-esekutati wara d-digriet taghha tat-18 ta` Novembru 2010.

Rat id-digriet taghha tal-24 ta` Novembru 2010.

Rat ir-risposta ta` Fremy Investments Limited u Vanguard Billiard Tables Ltd. ["l-esekutanti"] fejn sostnew illi l-Mandat ghandu jibqa` fis-sehh sabiex jibqghu kawtelati adegwatament il-pretensjonijiet taghhom kif dedotti fil-kawza pendenti din il-Qorti.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Ir-ragunijiet</u>**

**a) <u>Tal-esekutati</u>**

**<u>Fil-qosor</u>** ir-ragunijiet tal-esekutati in sostenn tat-talba taghhom huma dawn –

1) In kawtela tal-ammont ta` €741,879.73 (pretiz mill-esekutanti u li huwa mertu ta` kawza bejn il-partijiet) l-esekutanti kisbu kontra l-esekutati l-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Nru 1509/10 fejn l-esekutati kienu inibiti milli jbieghu, jittrasferixxu jew b`xi mod jiddisponu mill-immobbli kollha li huma elenkati fir-rikors ghall-hrug tal-Mandat.

2) Fost dawn l-immobbli, hemm *fully detached bungalow and underlying basement at "Bramble Cottage", Triq Dahlet il-Gibjun, Santa Marija tax-Xaghra, Naxxar,* li kienet stmata li tiswa l-ammont ta` €800,000 mill-Perit Colin Zammit.

3) Il-pretensjoni tal-esekutanti hija ben kawtelata bil-propjeta` li hija kolpita bil-Mandat ta` Inibizzjoni u kwindi ma hemmx htiega illi l-Mandat ta` Sekwestru jibqa` fis-sehh.

**b) <u>Tal-esekutanti</u>**

L-esekutanti taw ir-ragunijiet taghhom ghalfejn il-Mandat ghandu jibqa` fis-sehh. Fis-sostanza, jikkontendu fl-ewwel lok illi anke li kieku kellhom ikunu accettati bhala

attendibbli l-istimi tal-propjeta` kolpita bil-Mandat ta` Inibizzjoni, il-valur totali taghha jkun inferjuri ghall-ammont li qieghed jigi kawtelat u fit-tieni lok illi l-valuri stess citati mill-esekutati huma *fazulli u inflated bi skop malizzjuz* (kliem l-esekutanti).

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Risultanzi</u>**

Meta l-esekutat li kontrih ikun inhareg u gie esegwit att kawtelatorju jipprocedi skond l-**<u>Art.836(1) tal-Kap.12</u>** sabiex jitlob ir-revoka *in toto* jew *in parte* tal-att, huwa obbligat iressaq it-talba tieghu permezz ta' rikors u jsostni t-talba skond xi wahda mir-ragunijiet li huma elenkati minn paragrafi (a) sa (f) tal-istess Art.836(1).

L-esami li trid taghmel il-Qorti huwa dak biss ta' *prima facie* ghaliex il-mertu kollu jigi trattat u deciz fil-kawza propja bejn il-partijiet, u li hija pendenti quddiem din il-Qorti kif presjeduta. Ghalhekk hemm limitazzjoni sinjifikanti fl-ezami li trid taghmel din il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari li ghadha qeghda tistenna l-esitu finali tal-kawza propja.

Fil-provvediment taghha tal-10 ta` Awissu 2012 fir-**<u>Rikors Nru</u>** **<u>688/2012</u>**, din il-Qorti (**<u>PA/JRM</u>**) qalet hekk –

*Qabel xejn ghandu jinghad li dak li din il-Qorti trid tasal ghalih f`din il-procedura m`ghandu bl-ebda mod jitqies li jkun qieghed isir xi gudizzju fil-mertu dwaru. L-istharrig mehtieg fi procedura bhal din huwa marbut ma` ezami x`aktarx formali tal-att li tieghu qieghed jintalab it-thassir. Il-Qorti ghandha tistharreg li r-rekwiziti mitlub mil-ligi ghall-hrug tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma harigx b`mod abbuziv*

(ara wkoll – Kumm. GMA. 23 ta` Gunju 1994. "**Hili et vs Farrugia noe et**")

Din il-Qorti (**PA/JRM**) fil-provvediment taghha fir-**Rikors Nru. 336/2005** kienet qalet hekk –

*Wiehed m'ghandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m`ghandux jigi mfixkel jew imgarrab b`leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti. Minn dak li hareg waqt is-smigh tar-rikors, il-Qorti ssib li l-intimata ezekutanti ghandha, tajjeb jew hazin, pretensjoni ta` hlas. Min-naha l-ohra, li kieku l-Qorti, f'dan il-waqt, taghti decizjoni dwar jekk huwiex minnu jew le, tkun qeghda tiddeciedi l-qofol tal-mertu tal-kontrotalba mressqa mill-intimata u tmur lil hinn mill-parametri li hija mistennija tidhol fihom fi procedura bhal din. Jerga` jinghad hawnhekk li dan l-accertament ma ghandu bl-ebda mod ifisser li l-istess intimata wettqet il-prova fil-mertu ta` dak li huwa (jekk tassew huwa) dovut lilha, imma biss li dak li trid thares bil-hrug tal-Mandat inghata minnu tifsira plawsibbli lil din il-Qorti dwaru.*

Fil-kaz tal-lum, l-esekutati qeghdin iressqu t-talba taghhom skond **il-paragrafu (f)** li jaqra hekk –

*jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.*

Fil-provvediment taghha tal-10 ta` Awissu 2012 fir-**Rikors Nru** **688/2012** (*op. cit.)* din il-Qorti (**PA/JRM**) qalet hekk –

*Is-success jew telfien ta` kwestjoni fil-mertu ma tista` qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nhareg b`mod*

*vessatorju jew fieragh. Allura, fil-fehma ta` din il-Qorti, il-kwestjoni ta` jekk huwiex ragonevoli li Mandat kawtelatorju jinzamm fis-sehh jew jekk huwiex mahtieg jew gustifikabbli li tali Mandat jinzamm fis-sehh ma tiddependi xejn mill-eventwali cahda tal-kawzali fil-mertu tat-talbiet ezekutanti.*

*Illi jinghad ukoll li d-disposizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li,* ***wara l-hrug tal-Mandat****, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa` (ghal kollox jew in parti) fis-sehh. Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m`ghadux il-kaz*

(ara wkoll – PA. JSP. 10 ta` Jannar 1992. "**Spiteri vs Camilleri**" ; PA. RCP. 30 ta` Mejju 2002. "**Yorkie Clothing Industry Limited vs Calleja Cremona**" ; PA. GC. 3 ta` Awissu 2001. "**Fenech noe vs Spiteri noe et**")

Huwa evidenti li l-esekutati qeghdin isostnu l-istanza taghhom tal-lum abbazi tac-certifikat bid-data tas-7 ta` Ottubru 2010 illi hareg il-Perit Colin Zammit fejn ghamel stima tal-*fully detached bungalow and underlying basement at "Bramble Cottage" Triq Dahlet il-Gibjun, Santa Marija tax-Xaghra, Naxxar,* fl-ammont ta` €800,000. Bhala fatt, dan l-immobbli huwa wiehed minn dawk kolpiti bil-Mandat ta` Inibizzjoni. Ukoll bhala fatt, l-esekutanti fir-risposta taghhom ma jaghmlu l-ebda sottomissjoni la dwar dan l-immobbli partikolari u lanqas dwar l-istima tal-Perit Zammit. Pero` din il-Qorti accertat ukoll bhala fatt illi c-certifikat tal-Perit Zammit ma kienx konfermat bil-gurament. U din il-Qorti ma tista` ssib l-ebda raguni ghala mal-presentata tar-rikors tal-lum l-esekutati ma pproducewx certifikat debitament guramentat mill-Perit Zammit, sabiex ikun jikkostitwixxi tassew prova kif trid il-ligi. Kwindi din il-Qorti mhijiex sejra thassar il-Mandat ta` Sekwestru.

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tichad t-talba tar-rikorrenti / esekutanti kif dedotta fir-rikors taghhom, spejjez ghalihom.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------